# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha 27 ta' April, 2022

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 58/2021 ISB**

**Vasco Manuel De Quevedo Pereira Coutinho detentur tal-Passaport Portugiż numru N788514 u residenti barra minn Malta kif debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu Lorna Smith [k.i. 379680M]**

**VS**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' Vasco Manuel De Quevedo Pereira Coutinho kif debitament irrapreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu Lorna Smith [k.i. 379680M], pprezentat fis-27 ta' Lulju 2021, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:

*Illi r-rikorrent huwa azzjonista tal-kumpannija Try-Vin Holdings Limited (C 46611) u dana stante li għandu reġistrati f'ismhu 1,169 (elf mija u disgħa u sittin) 'A' Ordinary Shares fl-imsemmija kumpanija u dana kif jirriżulta mill-anness Dok. 'A'.*

*Illi mbagħad il-kumpanija Try-Vin Holdings Limited hija a sua volta azzjonista fil-kumpanija We-World Energy Ltd. (C 47208) u fil-fatt għandha reġistrati f'isimha 4,999 (erbat elef disgħa mija u disgħa u disgħin) ismha minn 5,000 (ħamest elef) ismha — u dana kif jirriżulta mill-estratt mis-sit eletroniku tar-Registru tal-Kumpaniji li qed jiġi hawn anness bħala Dok. 'B'.*

*Illi reċentement inġab a konjizzjoni tar-rikorrent il-fatt li l-kumpanija Try-Vin Holdings Limited kienet tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u fil-fatt jirriżulta li l-kumpanija Try-Vin Holdings Limited tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) b'effett mis-23 ta' Ġunju 2021 u dana kif jirriżulta mill-anness dokument immarkat bħala Dok. 'C'.*

*Illi r-rikorrent jirrisjedi barra minn Malta u sa fejn jaf hu qatt ma ġie notifikat bl-ebda avviż daparti ta' l-intimat li l-imsemmija kumpannija kienet ser titħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u għalhekk kif diġà sottomess huwa ma kienx konxju minn dan il-fatt.*

*Illi għalhekk ir-rikorrent ħass ruħu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpanija Try-Vin Holdings Limited tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u dana anki fid-dawl tal-fatt li kif diġà fuq spjegat Try-Vin Holdings Limited hija azzjonista tal-fuq imsemmija We-World Energy Ltd. u konsegwentement it-tħassir ta' Try-Vin Holdings Limited minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji ser ikollu effett fuq We-World Energy Ltd.*

*Illi r-rikorrent huwa lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpannija inkwistjoni Try-Vin Holdings Limited.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent bir-risett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li l-isem ta' l-kumpannija Try-Vin Holdings Limited (C 46611) jerġa' jidaħħal fir-Reġistru tal-Kumpaniji b'dana illi l-kumpanija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar — taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni — u dana ai termini ta' l-Artikolu 325(4) tal-Att dwar Il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta).*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 9).

Rat **id-digriet** taghha tas-17 ta' Awissu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021 fid-9:45am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-5 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 11).

Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 13) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Try-Vin Holdings Limited (C 46611) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fid-9 t'April 2009;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali u kif ukoll informazzjoni dwar is-sidien beneficċċjarji lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali li bagħtet il-kumpanija kien dak tas-sena 2020, l-aħħar kont annwali li l-kumpanija bagħtet lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2011, filwaqt illi l-informazzjoni dwar is-sidien beneficċċjarji baqgħet qatt ma ntbagħtet;*

*Illi tali kumpanija ma ssottomettietx dokument importanti dwar min huma s-sidien benefiċjarji tagħha u għalhekk ġiet mħassra permezz tar-Regolament 9 tal- Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda u kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'***, ***'B'*** *u* ***'C'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, 'Tower Business Centre, Level 2, Tower Street, Swatar, Birkirkara BKR 4013', kif ukoll lill-uniku direttur, Infante Da Camara Albergaria Emilio fl-indirizz, 'Highrise Court B5, Tigne Street, Sliema', datati 8 ta' Frar 2021;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lill-uniku direttur fuq l-istess indirizzi fit-23 ta' Marzu 2021;*

*Illi r-Reġistratur uża l-indirizzi residenzjali illi l-kumpanija stess kienet infurmatu bihom;*

*Illi f'din l-ittra l- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-imsemmija regolamenti , f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-23 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż min huma s-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* ***EUR 140.00.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali u nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* ***EUR 7,233.50.***

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021, deher l-Avukat Carlo Vigna ghar-rikorrenti noe presenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza d-difensur tar-rikorrent iddikjara illi r-ikorrent noe kien dispost jirregolarizza l-posizzjoni tas-socjeta` Try-Vin Holdings Limited (C-46611);

Rat l-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar 2022, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw l-multi u l-penali kienu gew mhallsa u kien jonqos biss is-sottomissjoni tal-annual returns, l-audited accounts u l-BO Form;

Rat l-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Frar 2022, minn fejn jirrizulta illi l-pendenzi kollha tas-socjeta` Try-Vin Holdings Limited (C- 46611) kienu gew rizolti, u allura l-procediment seta' jithalla ghall-provvediment.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent, li huwa azzjonist u sid aħħari tas-soċjeta' Try-Vin Holdings Limited (C- 46611) liema kumpannija thassret minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji fit-23 ta' Gunju 2021 anke jekk hija azzjonista fil-kumpanija We-World Energy Ltd. (C-47208). F'dan il-kuntest illi jirrizulta illi r-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Illi r-rikorrent ddikjara mill-bidu, sa mir-rikors mressaq, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpannija inkwistjoni Try-Vin Holdings Limited.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, li tibghat kontijiet u prospetti annwali u kif ukoll informazzjoni dwar is-sidien beneficcjajri. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan u kienu akkumulaw registration fees u penali kif indikat fir-risposta.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew*

*kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija Try-Vin Holdings Limited (C- 46611) giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw.

Il-Qorti pero`, kif taghmel dejjem f'cirkostanzi bhal dawn u qabel ma tghaddi ghall-provvediment, tqis id-disponibilita' tar-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpannija mar-Registratur. F'dan il-kaz, ir-rikorrent zamm kelmtu u l-promessa maghmula fir-rikors minnhu mressaq u ukoll fl-ewwel seduta nzammet, tant illi l-Qorti giet mgharrfa illi l-pendenzi kollha kienu gew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet ghalhekk, il-Qorti giet mistiedna tghaddi ghall-provvediment.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Try-Vin Holdings Limited (C- 46611)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Try-Vin Holdings Limited (C- 46611)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Try-Vin Holdings Limited (C- 46611)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**